MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 1160/2010

**Artikoli 95, 96, 221, 325(c), 328 (dd), 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**NAZZARENO ABELA**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **NAZZARENO ABELA** ta' 49 sena, bin Francesco u Annunziata nee' Caruana, imwieled Zejtun fid-09/05/1961, li joqghod St. Rita, Triq Bugharbiel, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 341161M gie akkuzat talli fis-6 ta' Novembru 2010 ghal habta tal-17:00hrs gewwa Misrah Karmenu Grima, Zejtun:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1429 Eric Mangion u PC280 Justin Muscat, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja u ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS1429 Eric

Mangion u PC280 Justin Muscat skond ma ccertifikat Dr. Susan Mallia MD Reg 2253 mill-klinika ta' Rahal Gdid, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb u kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Alfred Spiteri skond kif iccertifikah Dr. Mark Bugeja MD 1768 mill-isptar Mater Dei;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma taccedix il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u cioe ghamel hsara fuq arlogg tal-idejn tal-marka Fossil ghad-dannu ta' PS1429 Eric Mangion;

6. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied, kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' PS1429 Eric Mangion, PC280 Justin Muscat u Alfred Spiteri.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Novembru, 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, liema kunsens jinsab a fol. 15, l-istqarrija tal-imputat datata 6 ta’ Novembru, 2010 a fol. 7, 8 u 9 rispettivament u certifikat mediku a fol. 10, 11 u 12 rispettivament.

Illi nhar it-23 ta’ Novembru, 2010 xehdet l-**Ispettur Priscilla Caruana** u spjegat li fis-6 ta' Novembru ta' dik is-sena ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (5.30pm) giet infurmata minn PS 1429 Eric Mangion mill-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fejn kien hemm incident gewwa Misrah Karmenu Grima z-Zejtun, inqalghet glieda fejn PS 1429 u PS 280 garrbu xi griehi f'din il-glieda kif ukoll persuni ohra gew imwegga'. PS 1429 spjegalha kif ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) irceviet telefonata gewwa l-ghassa taz-Zejtun

minn certu Nazzareno Abela fejn infurmaw lill-Pulizija li kien hemm persuna impjegat tieghu certu Amor li kien qed jigi mhedded minn certu Alfred Spiteri. Il-Pulizija marru Misrah Karmenu Grima, Zejtun fejn kienu sabu lil Nazzareno Abela fejn gie mitkellem mill-Pulizija. Sadanittant nizel Alfred Spiteri li rega' mar fuq il-post u hemmhekk qamet kommossjoni fejn gew fl-idejn u l-Pulizija kif kienu qeghdin iferrqu, is-Surgent gie mbuttat ma' l-art minn Alfred Spiteri u garrab xi griehi.

Tghid li is-Surgent tkellem maghha minn fuq il-post u minnufih wara li spjegalha x'gara bghatet lil persuni li gew aggrediti biex jigu ezaminati gewwa c-centru tal-klinika tal-Paola Health Centre. Gew ezaminati minn Dr. Susan Mallia registration 2253 fejn gew certifikati li kellhom slight injuries, kemm is-Surgent u kemm PC 280. Hi dak il-hin baghtet ghal Nazzareno Abela gewwa l-ghassa ta' Birzebbugia fejn infurmatu li kien qieghed jigi nvestigat rigward vjolenza fuq il-Pulizija kif ukoll akkuzi ohra. Quddiem PS 1312 Adrian Sultana tghatu l-*caution* fejn huwa rrifjuta li jkellem avukat. Huwa ghazel li ma jiffirmax l-statement fejn spjegalha fuq fuq x'gara, hija gharfet il-firma taghha fuq l-istatement ta’ l-imputat u gharfet lill-imputat fl-Awla.

Spjegat illi f’dik il-glieda wegga' wkoll Alfred Spiteri u gie esebit kopja tac-certifikat mahrug fil-konfront tieghu minn Dr. Mark Bugeja registration number 1768 mill-isptar Mater Dei kif ukoll

spjegat li s-Sur Spiteri kellu jinzamm ghall-osservazzjoni minhabba ragunijiet ohra li kellu peress li hu kien ibghati minn qalbu.

In kontro ezami ix-xhud spjegat illi huwa minnu li Alfred Spiteri mar wara d-dar ta' l-impjegat ta' l-akkuzat. Qalet li bhala stat ta' fatt Amor qabel ma beda x-xoghol tieghu mal-imputat kien jahdem ma' Fredu Spiteri u ghaliex mar jghajjat ma’ Alfred Spiteri ma tafx. Tghid ukoll li Spiteri  wkoll qalilha li kienu ilhom jippersegwitawh  ghal tul ta' zmien.

Illi nhar it-23 ta’ Novembru, 2010 xehed **PS 1429 Eric Mangion** u spjega illi fis-6 ta' Novembru tas-sena 2010 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (5:00pm) gie nfurmat waqt li hu kien stazzjonat l-ghassa taz-Zejtun li gewwa Misrah Karmenu Grima kien hemm xi kwistjoni. Xtaq jghid li fil-fatt kien ircieva telefonata minghand certu Nazzareno Abela u qallu li kien hemm impjegat tieghu li qed jigi mhedded fejn l-iskola primarja z-Zejtun li tinsab f'Misrah Karmenu Grima, Zejtun. Hu flimkien ma' PC 280 u kollega tieghu marru fuq il-post. Hemmhekk sabu lil Nazzareno Abela li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

L-imputat qallu  li Amor  impjegat mieghu  fis socjeta Supreme Travel  qabel kien jahdem  ma' Garden of Eden u li  Alfred Spiteri tal-Garden of Eden  kien qieghed jheddu kull darba. Kien qed jallegalu li qed johodlu x-xoghol. Spjega li Alfred Spiteri kien mar

hdejn ix-xoghol ta’ Nazzareno Abela u dana bil-vettura tieghu, u beda jheddidhom u jghajjat ma' Nazzareno Abela fil-presenza taghhom u beda jallega li qieghed johodlu x-xoghol kif ukoll in-nies. Qallu wkoll li kien qieghed jilghab bis-sentimenti ta' ibnu Ronald.

Effettivament kiteb dak kollu li sehh fuq il-post ta' dak l-incident u esebixxa kopja ta' dik l-okkorrenza li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Dok PS. Huwa kkonferma l-kontenut kollu ta' dik l-okkorrenza mehuda minnu.

In kontro ezami spjega illi hu kien fuq il-post wara li rcieva t-telefonata minghand l-imputat. Qal ukoll li Spiteri wasal fuq il-post warajh. Xtaq jghid li Spiteri kien fuq il-post darbtejn. Darba qabel ma wasal hu u darb'ohra meta kien ghadu hemm. Lilu wkoll qallu li Spiteri beda jheddu billi qallu li din bi kbira ha tkun u beda jallega li hu beda johodlu x-xoghol. Qal ukoll li Spiteri ghamel xenata shiha, frattarija shiha quddiem ir-residenza ta' Amor. Mistoqsi jekk gewx fl-idejn il-partijiet, qal iva effettivament gew. F'dan l-incident kienu gew fl-idejn l-imputat Nazzareno Abela flimkien ma' Alfred Spiteri u z-zewg (2) uliedu Sean u Luca. Qal li f'dan l-incident kien hemm xi tliet (3) min-nies ohra pero' ma jiftakarx min kienu.

Illi nhar it-23 ta’ Novembru, 2010 xehed **PC 280 Justin Muscat** u spjega illi jiftakar li dakinhar ta' l-incident u cioe' fis-6 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar (5:00pm) hu kien mar flimkien ma' kollega tieghu PS 1429 gewwa Misrah Karmenu

Grima Zejtun hdejn l-iskola primarja. Hemmhekk huma kienu sabu lill-imputat Nazzareno Abela li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

Spjega illi dakinhar hu kien qieghed iservi bhala xufier l-ghassa taz-Zejtun u kien ghalhekk li huwa akkumpanja lis-Surgent. Dik it-telefonata ghamilha l-imputat prezenti fl-Awla u qalilhom li kien hemm glieda. Spjega illi meta waslu fuq il-post, Alfred Spiteri kien telaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu. Spjega illi fuq il-post kien hemm l-imputat li gharfu prezenti fl-Awla kif ukoll lil Amor. Spjega illi effettivament dan l-incident sehh quddiem ir-residenza ta' Nazzareno Abela. Spjega li meta kien hemmhekk rega' tfacca Fredu Spiteri, Nazzareno Abela ta girja u hebb ghal dan Fredu Spiteri.

Dak il-hin huma pruvaw iwaqqfu s-sitwazzjoni. Spjega li meta Nazzareno Abela kien sejjer ghal Fredu Spiteri, PS 1429 gie mbuttat mill-imputat u dan waqa' ma' l-art u kompliet din il-glieda fejn gew aktar nies. Ghalih ma hebbx pero' spjega li hebb ghal PS 1429. Huwa ra lil Nazzareno Abela jghati daqqa ta' ponn lil Alfred Spiteri fuq imniehru. Pero' kien hemm nies ohrajn li kienu qeghdin jiggieldu. Jaf li huwa wegggha idejh u qala’ daqqa fuq in-naha tal-lemin. Spjega li d-daqqiet li qala’ hu kienu involontarji, ghaliex huwa ntlaqat. Jaf ukoll li l-imputat a tempo vergine kien talbu skuza. Minnu wkoll li Alfred Spiteri meta mar fuq il-post kien irrabjat u qal lil Abela li din l-istorja mhux se tieqaf hawn. Spiteri qalilhom li kien

qieghed fuq il-post ghax kellu xi jghid ma' Abela ghaliex kien hadlu xi mpjegati jew certu Amor.

Jaf li kien mar quddiem id-dar ta' Abela u ghamillu xenata. Spjega ukoll li Spiteri mar quddiem id-dar ta' Amor u beda jheddu wkoll.

Illi nhar it-23 ta' Novembru, 2010 xehed **Ronald Spiteri** u spjega illi jiftakar li dakinhar tas-6 ta' Novembru, 2010 kien cempillu l-imputat u qallu li kien ha kuntratt iehor ma' zewg (2) lukandi u hu qallu proset jalla l-gid. Effettivament il-kuntratt kien sar minnu u l-impjegat tieghu Amor li qabel kien impjegat taghhom u qallu li jekk kellu xi jghid xi haga lil Amor kellu jindirizza lilu. Effettivament qallu li ma kellu xejn xi jghid u li dak li kellu jghid lil Amor ma kienx affari tieghu, ma ghandux jidhol fil-kwistjoni ta' bejniethom .

It-telefonata spiccat hemm u beda jerga' jcempillu pero' dan ma wegbux. Fil-pront cempillu missieru Alfred Spiteri u qallu illi Zaren kien cempillu. Qallu li ssapona ghax effettivament kien cempel lilu ukoll u qallu biex ma jaghtix kaz lil Nazzareno Abela. Fis-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar (2:30pm) kien cempillu. F'din it-telefonata ma gharfux in-numru u rrispondih. Qallu li kien Sean Abela u qallu biex lil Amor ihallih bi kwietu. Spjega li kull ma ghamel lil Amor kien cempillu biex jara x'kien gara wara li kien ircieva telefonata minghand Nazzareno Abela. Qallu li effettivament huwa ma kien jaf b'xejn ghax kien qieghed tas-Sliema jixtri. Qallu biex ihallih kwiet u qatalu ukoll it-telefonata.

Sussegwentement ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' wara nofs in-nhar (4.45pm) huwa kien qieghed jixtri mat-tfajla tieghu gewwa supermarket iz-Zejtun,  Amor qallu biex imur jigri fejn id-dar tieghu ghaliex il-familjari ta' Nazzareno Abela kienu daru ghal missieru. Hu cempel liz-ziju tieghu certu George Spiteri u qallu biex jinzel jigri hdejn id-dar ta' Amor u jigi hdejn l-iskola primarja taz-Zejtun. Dahal fejn il-pjazza fejn hemm id-dar ta' Amor, niezel mill-karozza u sab zewg (2) Pulizija.

Beda jsaqsihom x'gara u beda jistaqsi fejn kien qieghed missieru. Nazzareno Abela u wliedu bdew jghajjruh, li hu beda jghajjar lil Amor izda ma kienx minnu u ftit wara  dahal missieru minn warajh li kien bil-mixi u daru ghal missieru. Sean Abela ta daqqa ta' ponn go wicc missieru, dak il-hin waqt li kienu qeghdin jitferrqu, Sean Abela dar ghalihom u ghamel idejh ma' wiccu. Spjega li meta daru ghal missieru hu ma kienx hemmhekk, hu dahal fix-xena wara. Huwa lil Sean Abela biss ra jaghti daqqa f'halq missieru u li Sean kien ta daqqa ta' harta f'wiccu.

Huwa u Sean qabdu f'xulxin, kien Amor li gabru minn ma' l-art u hadu fil-kantuniera. Ra lil Sean Abela kien harab minn idejn iz-ziju tieghu u kien rega' se jaqbad jaghtih u waqqfuh il-Pulizija. Amor kien ilu impjegat taghhom ghal xi madwar disa' (9) snin u kien ilu li telaq minn maghhom xhur. Fejn mar missieru quddiem id-dar ta'

Amor ma jafx. Huwa u Amor baqghu fil-kuntatt u meta jiltagqhu fit-triq gieli tkellmu. Spjega pero' li minn meta nqala' dak il-kaz ma regghux tkellmu. Spjega illi meta effettivament Amor telaq minn maghhom xorta baqa' habib mieghu, sahansitra hu anki baqa' mieghu biex jerga' jmur jahdem maghhom. Spjega li hu qatt ma heddu lil Amor.

Illi nhar it-23 ta' Novembru, 2010 xehed **Joseph Spiteri** u spjega illi huwa jigi z-ziju ta' Ronald Spiteri hu Alfred Spiteri. Jiftakar li dakinhar fis-6 ta' Novembru, 2010 huwa kien qieghed fil-garaxx isewwi coach. Il-garaxx taghhom huwa l-Garden of Eden iz-Zejtun. Fl-erbgha u nofs u hamsa ta' wara nofs in-nhar (4.35pm) kien cempillu t-tifel ta' huh, Ronald Spiteri u qallu li ta' Cancu kienu daru ghal missieru wara l-iskola primarja taz-Zejtun. B'Ta' Cancu hu ried ifisser tas-Supreme Travel. Hu qabad il-karozza, mar fil-post indikat lilu u sab li kien hemm hafna nies. Fost dawn in-nies kien hemm it-tifel ta' huh u dahal biex jara x'kien gara. Hemmhekk ra lil Nazzareno Abela l-imputat li gharfu prezenti fl-Awla lil Sean Abela u Luke Abela u staqsa lil Nazzareno x'kien qieghed jigri. Qallu *"mhux vera huk, b'referenza ghal Alfred il-hin kollu jigri wara Amor u jheddu"*. Huwa ma kienx jaf x'inhu jigri u prova jzomm il-kalma. Ra wiehed bil-flokk kannella naqra qawwi riesaq lejn huh Alfred. Mistoqsi min hi din il-persuna qal li pero' ma kienx jaf min hi. Huwa resaq lejhom biex jipprova jzomm il-kalma waqt li Sean dar minn warajh u jaf li capcap daqqa go wicc Alfred Spiteri. Huh ibaghti

b'qalbu u jiehu l-pirmli. Beda jipprova jzomm il-kalma u ra ukoll lil Sean Abela jaghmel idejh mat-tifel ta' huh Ronald.

Rah ukoll ixejjer daqqa f'wicc Ronald Spiteri u waqqghu ma' l-art. Huwa qabad lil Sean Abela minn ma' l-art u mar bih wara l-vann u beda jghidlu biex jaqtghaha u biex ma jkomplix izjed. Huwa lil Nazzareno Abela rah hemmhekk iserrah mal-karozza. Huwa ma rahx ihebb ghal huh. Jaf li Sean harab minn idejh u jaf li hatfuh in-nies.

Illi nhar id-19 ta' Jannar, 2011 xehed **Alfred Spiteri** u spjega illi darba li ma jiftakarx id-data, hu kien qieghed l-iskola primarja taz-Zejtun. Kienet ghall-habta ta' wara s-siegha (1.00) ta' wara nofs inhar. Hu kien qieghed wieqaf fil-pjazza u kien qieghed jitkellem fuq il-mobile tieghu ma' ex impjegat tieghu Amour Ben Mansour. Huwa kien qieghed ikellmu dwar sitwazzjoni li kienet inqalghet ghax kienu rcievew telefonati minnghand Nazzareno Abela li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u waqt li kien qieghed jitkellem ma' dik il-persuna fuq il-mobile - xtaq izid jghid illi qabel ma ghamel dik it-telefonata huwa kien ircieva telefonata minghand l-imputat.

F'dik it-telefonata, Nazzareno Abela l-imputat kien qallu *"x'inhi din 'il bicca xoghol li ibnu kien qed jghid lil Amour illum impjegat ma' Nazzareno Abela biex dan ma jmurx jiffirma l-kuntratti tal-lukandi*?" Huwa lill-imputat kien irrispondih li *"x'qal ibnu lil Amour ma jafx*".

Zied jghidlu ukoll “*biex lilu jhallih bi kwietu*”. Qallu li ser ikollu jaqta' u qata’ t-telephone.

Xtaq jghid imbaghad wara li cempillu l-imputat, huwa mbaghad cempel lil ibnu fejn huwa qallu lil ibnu li jekk kemm 'il darba jcempel Nazzareno Abela, qallu “*aqbad u aqta' t-telephone u toqghodx tithabat mieghu*”. Huwa mbaghad wara cempel lil Amour u mbaghad kif qata’ ma’ Amour, innota lill-imputat diehel fil-post li kien qieghed fih hu u liema post hu kien qed johrog minnu. Huwa niezel ikellem lill-imputat u huwa qallu “*Zaren, toqghodx thalli lill-impjegati jhawdulek mohhok ghax ser igelduna bejnietna*”. Spjega dak il-hin li huwa mar ikellem lill-hames (5) impjegati ta’ l-imputat . Wiehed minnhom kien Shaun Abela iben l-imputat. Kien hemm ukoll Brian li qabel kien impjegat tieghu u mbaghad spicca mar mal-imputat. Kien hemm ukoll certu wiehed Bonavia li hu ukoll kien ex impjegat tieghu u li mbaghad spicca jahdem mal-imputat. U kien hemm zewg (2) impjegati ohra li hu qatt ma kien kellimhom qabel.

Meta huwa kien qieghed ikellem lill-imputat, dawk iz-zewg (2) impjegati li huwa qatt ma kien kellimhom qabel, wiehed minnhom imdahhal fiz-zmien b'xaghru bajda, u 'l iehor kien wiehed naqra qawwi u dawn bdew jghajjruh. U wara sar jaf minghand ibnu li dawk kienu missier u hu Daniela, impjegata li tahdem ma' Nazzareno Abela. Spjega li dawk iz-zewgt (2) irgiel lilu bdew jghajruh, bdew joffenduh u bdew jghidulu “*it-tifla tieghi halliha bi*

*kwieta*". Huwa staqsihom min huma ghax hu qalilhom li lanqas biss kien jafhom. Ir-ragel qawwi, li allura huwa hu dik Daniela, beda jghidlu " le, ma tafnix lili? Le, ma tafnix lili?" U hu rrispondih "*li ma kienx jafu*". Qal li dawk iz-zewgt (2) irgiel mbaghad bdew jirrejagixxu b'mod illi ppruvaw jaqbdu jaghtuh u kien hemm Brian ex impjegat tieghu u kien hemm ukoll Bonavia flimkien mal-pulizija li bdew izommu lil dawk iz-zewgt (2) irgiel biex lilu ma jsawtuhx.

Qal li hu lill-imputat, anke quddiem il-pulizija, qallu li huwa kien qieghed ikellmu mhux bi glied. Huwa l-iskop tieghu kien li jkellmu biex is-sitwazzjoni ma tibqax sejra. Sadanittant, l-imputat lilu beda jghidlu lil Amour hallieh bi kwietu u dana irrepetiha. U mbaghad l-imputat beda jirrejagixxi biex huwa jmur ghalih biex dana jhebb ghalih u sadanittant is-surgent tal-pulizija li kien hemm prezenti beda jipprova jzomm lill-imputat. Hin minnhom, b'idejh ix-xellugija l-imputat ta daqqa lis-surgent u s-surgent spicca mal-art u bl-id 'l ohra ta daqqa ta' ponn lilu u spicca hu ukoll mal-art.

Kif kien qieghed mal-art, Shaun Abela, iben l-imputat qabez ghal fuqu u qal illi x'hin gew fl-idejn Shaun Abela, huwa beda jghidlu "*Shaun, aqtaghha, tatix u rrepetiha".* Sadanittant marru jferquhom u huma u jippruvaw in-nies iferquhom, Shaun Abela tah daqqa ta' ponn go wiccu. Hin minnhom x'hin huwa kien qieghed ma' l-art wiccu 'l isfel, beda jaqla' daqqiet ta' ponn gewwa dahru pero' dak il-hin ma kienx jaf min kien qed jaghtih bil-ponn gewwa dahru. Qal hin

minnhom s-surgent wara li kien qam minn mal-art mar jittawwal gewwa l-mera tal-karozza tieghu biex jara l-grif li kellu fuq wiccu. Qal ukoll li kien hemm xi pulizija li kien inkisirlu l-arlogg. U mbaghad il-pulizija lilu tellghuh gewwa l-karozza tieghu biex huwa jitlaq ‘l hemm. Sadanittant, qabel ma huwa tela' gol-karozza tieghu, sema' lill-imputat jghid lis-surgent *“skuzani jekk weggajtek”.*

Huwa mbaghad dahal gol-karozza tieghu, startja u telaq ‘il barra. Qal fil-hin li hu kien hiereg ‘il barra, innota li ibnu kien diehel bil-karozza tieghu n-naha ‘l ohra tat-triq u ma kienx rah hiereg u baqa’ jsuq lejn il-pjazza fejn kien hemm l-incident. Huwa rega' dar biex jidhol ghat-tifel. Kif huwa nizel minn gol-karozza, qal illi wiehed mill-impjegati ta’ l-imputat, ir-ragel qawwi li semma' li jigi hu Daniela, qal illi dan gie qabdu b’idejh u mbuttah u qallu *“itlaq ‘l hemm”.* Spejga illi s-sitwazzjoni li kien hemm il-pulizija u kien hemm xi nies ohra. Huwa irrefera ghall-istess impjegati li semma' qabel.

Imbaghad Shaun Abela kien hareg minn wara dawn in-nies u dan tah daqqa ta’ ponn go wiccu u qasamlu xuftejh fuq gewwa. Spjega illi huwa wara li qala' din id-daqqa, peress li huwa jiehu l-aspirina ghax ibaghti b’qalbu, id-demm beda hiereg hafna. Huwa dak il-hin intefa' mal-karozza tieghu, neza l-qmis u huwa beda allura bil-qmis izomm halqu halli jipprova jzomm milli d-demm jibqa’ johrog. Sakemm huwa kien qieghed mal-karozza, Shaun Abela mar ihebb ghal ibnu. Marru jferrquhom huh Joseph u nizel ukoll Amour li

mbaghad qabad it-tifel tieghu u hadu go rokna. Ibnu dak il-hin beda jghid lil Amour quddiem il-pulizija biex jghid lill-pulizija jekk hu qattx kien heddu.

Spjega ukoll xi erbat (4) ijiem wara ma nqala’ l-incident li ghadu kif xehed dwaru, ibnu u Amour kienu u ghadhom icemplu lil xulxin u hawn xtaq jghid illi Amour kien ilu jahdem mieghu ghal xi disa’ (9) snin u kien wiehed li ghamillu *marketing* mal-agenziji kollha tal-lukandi. Spjega illi mbaghad wara huwa telaq bil-karozza tieghu u ibnu ukoll telaq bil-karozza tieghu u marru lejn il-garage taghhom. Spjega li stante l-kundizzjoni medika li ghandu huwa beda jhoss qalbu li bdiet tghaggillu u minhabba li kellu bzonn il-punti f'xofftu, mar l-isptar fid-Dipartiment tal-Emergenza biex jaghmlulu l-punti.

It-tabib li beda jaghmillu l-punti ukoll iccekkjalu l-polz u kellu jiddahhal mill-ewwel gewwa l-Emergenza biex iraqduh halli jaghtuh ix-xokkijiet biex qalbu terga' tibda tahdem b'ritmu normali.

Illi nhar id-19 ta' Jannar, 2011 xehdet **Dr. Susan Mallia MD** u giet murija certifikat mediku minnha rilaxxat li jinsab a fol. hdax (11) tal-process liema certifikat mediku huwa datat sitta (6) ta' Novembru 2010 u kkonfermat li f'dik l-okkazzjoni kienet invistat lil Justin Muscat karta tal-identita' numru 392384(M) u kkonfermat il-kontenut ukoll ta' dak ic-certifikat mediku. Spjegat li gharfet ukoll il-firma taghha fuq ic-certifikat mediku u kkonfermat li l-pazjent Justin

Muscat kien sofra minn griehi ta' natura hafifa. B'referenza ghad-dokument certifikat mediku li jinsab a fol. tnax (12) tal-process, li huwa ukoll datat sitta (6) ta' Novembru 2010. Ikkonfermat dak ic-certifikat rigwardanti l-pazjent Eric Mangion karta tal-identita' numru 64973(M) u kkonfermat li dak huwa c-certifikat mediku minnha rilaxxat. Ikkonfermat l-kontenut tal-istess certifikat mediku u gharfet il-firma taghha fuq l-istess certifikat mediku, u spjegat ukoll illi l-imputat Eric Mangion kien sofra minn griehi ta' natura hafifa.

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2012 xehdet **Daniela Dimech** u spjegat illi ngibditilha l-attenzjoni illi fil-konfront taghha quddiem is-seduta tad-distrett hemm proceduri kriminali kontra taghha, dejjem b'referenza ghall-istess incident. Spjegat illi l-Qorti taghtha twissija, ghalhekk kellha dritt li minhabba dawk il-proceduri li ma tixhidx u xtaqet qabel nett tikkonsulta ruhha mal-avukat.

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2012 xehed **Robert Dimech** u spjega illi ngibditlu l-attenzjoni tal-Qorti dwar proceduri kontra tieghu stess in konnessjoni ma' dak il-kaz, l-istess Qorti qaltlu illi jekk ried seta' ma jixhidx sakemm dawk il-proceduri quddiem Qorti ohra kontra tieghu jigu konkluzi. Hu xtaq jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Illi nhar il-11 ta' Novembru, 2012 xehed **Alfred Spiteri** u ddikjara illi huwa rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat Nazzareno Abela kull fejn kien rinunzjabbli.

Illi nhar it-2 ta' Mejju, 2013 xehed l-imputat **Nazzareno Abela** minn jeddu u b'mod volontarju  u spjega li huwa kellu negozju tieghu tat-trasport jikri l-*coaches* u hekk. Huwa spjega li huma kien jghidulhom tac-Cancu Supreme Travel. Spjega li kellhom l-*open top buses* u s-*single* ukoll. Ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn Alfred Spiteri kienet li kien kompetitur tieghu. Huwa spjega li kien kompetitur taghhom ghax dik il-habta kienu hu u huma ghax illum huma spiccaw ukoll. Huwa spjega li xi ftit tal-jiem ilu jew ftit tal-gimghat qabel l-incident kellu mpjegat li xeba mieghu u ried imur maghhom u huma qalulu mhux problema ejja maghna u haduh.

L-impjegat kien jismu Amour Dempa Anfus xi haga hekk. Hu spjega li dak mar maghhom beda jahdem jigifieri normali joffri s-servizz tieghu u dan beda jmur kull darba Alfred u joqghod ikellmu hazin, ihabbatlu l-bieb, jghajjatlu u jikkumidja hemm u jkellmu hazin bl-addocc. Hu spjega li dakinhar in kwistjoni hu kellu xi mpjegati ohrajn joqghodu ma' genbu u qallu isma' wiehed minnhom qallu hawn Fredu qieghed jghajjat wara l-bieb ta' Amour u jkellmu hazin u jsemmu lilu u mhux lilu. Hu qallu ha jcempel lill-pulizija hu halli jinzel il-pulizija ma jinzilx hu.

Imbaghad cempel lill-pulizija u qalilhom isma' hemm Alfred Spiteri jghajjat wara l-bieb ta' Amour bhal speci biex jibghatu lil xi hadd ha jaraw, ha jkeccuh l-hemm. Huwa wara ftit qal ahjar jinzel biex ma jghidx isma' dan mort mieghu ghadni frisk bhal speci ma marx l-

hawn hu, gie ghala bieb ghajnu jew hekk baghat lill-pulizija u mbaghad ftit wara nizel hu. Huwa u niezel ra lil Alfred Spiteri hiereg il-barra. Hu spjega li hu kien diehel fejn joqghod Amour b'karozza. Hu kien hiereg u rah hekk, hu rah ghax kien kwazi fil-kantuniera u mbaghad hu kien fejn joqghod Amour kien ikellem lill-pulizija, minnufih semghu karozza gejja b'daqsxejn speed mhux hazin u ra lil Fredu rega' sejjer hdejhom, fejn kien hu u l-pulizija. Fetah il-bieba u beda joffendihom u jkellimhom hazin, nizel xkanat ghalih u gew fl-idejn.

Dak il-hin hu prova jiddefendi ruhu ghax hu hasdu mbaghad indahlu l-pulizija. Huwa qal li Fredu telgha u llum il-gurnata hafirlu ghal dak li gara bejniethom. Mistoqsi mid-difiza li hu kellu akkuza kontrih talli forsi ta xi daqqa lil xi pulizija u hu fl-istqarrija li kien irrilaxxa fis-sitta (6) ta' Novembru, 2010 hu kien cahad u qal li mhux vera, huwa wiegeb li mhux vera u ma kellux ghalfejn jattakka lill-pulizija u li kien hu stess li gabhom hemmhekk. Hu spjega li l-pulizija zammew lill-iehor u mhux lilu u ma deherlux li f'xi hin kienu zammewh. Huwa spjega li prova jiddefendi ruhu u ma ghamel l-ebda rezistenza mal-pulizija. Hu qatt ma gie moghti ordnijiet mill-pulizija u qatt ma qalulu biex jieqaf qatt ma qalulu xejn.

Mistoqsi mill-Qorti illi kellu akkuza li ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija huwa wiegeb li lilu ma qalulu xejn li ma obdihomx u ma jafx bihom. X'hin qalulu biex jitlaq il-pulizija qabad u telaq. Huwa spjega

li ddefenda ruhu minn Fredu u mhux mill-pulizija. Prova joqghod lura u prova jilqa' milli jaqbad jaghtih. Huwa qal li ma tghax u forsi kien ghajjat xi haga jew ighid kliem bhal “x'ghamiltlek jien”, seta’ kien li ghajjat xi haga hekk imma safejn jaf hu ma ghamel xejn hazin.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ghamilx hsara fuq arlogg tal-idejn tal-pulizija huwa spjega li mhux hu kien ghamilha dik, jahseb li l-pulizija x'hin ipprova jzomm lil Fredu waqalu l-arlogg u beda jipprova jfittxu u meta nduna li qed jipprova jfittxu staqsih x'garalu u qallu li waqalu l-arlogg. Huwa spjega li dak il-hin kien qal lill-pulizija bhal speci kien hu li qalghu biex ghamel dik il-bicca xoghol u ghalhekk kien lest li jhallsu ta’ l-arlogg li kien tilef jew li tkissirlu.

L-imputat in kontro ezami fl-istess seduta spjega li talab skuza tal-istorbju li nqala' u qal li fuq kollox Fredu kien qalghahom mhux hu. Hu kien talab lill-pulizija biex jigu u hu ma marx wara l-bieb ta' Amour jghajjat. Fredu kien mar u hu talbu skuza talli gara imma mhux xi haga li qala' hu. Hu spjega li Fredu mar ghalih. Mistoqsi jekk kienx hemm gegwigija hu qal li dak il-hin kienu wehidhom, hu u z-zewg pulizija u Fredu, imbaghad wara marru xi haddiema tieghu hargu mid-dar ghax xi tnejn jew tlieta joqghodu hemm Toni u ghandu t-tfal u mar xi hadd iehor Brian li kien il-garaxx imbaghad semghu l-ohrajn u cemplulhom u gew hemm. Huwa jsostni li ma kont involut f'xejn. Safejn jaf hu ma jiftakar li ghamlu xejn dawk in-nies imbaghad mar t-tifel ta' Fredu kien ha jigi naqra fl-idejn bhal

speci bniedem jghid kelma lil iehor, imma ma nqala' xejn. Kienu ha jigu naqra fl-idejn hekk u bhal speci zammewhom.

Rat illi l-partijiet kienu dehru quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar il-21 ta' Ottubru 2013 u ittrattaw il-mertu tal-kaz u l-kawza kienet giet differita ghas-Sentenza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet tas-Sinjorija tieghu l-President tal-Qorti nhar il-21 ta' April 2014 u din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha ghal 5 ta' Mejju 2014.

Rat illi f'dik is-Seduta l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma' l-provi mill-gdid u awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-Sentenza fuq il-provi gja mismugha u ghalhekk din il-kawza illum tinsab differita ghas-Sentenza.

Ikkunsidrat.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga. L-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija vs**

**Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936].

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** *- pg. 234 Vol III* jghid:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju ikun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjiegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible, but not in the least probable', the*

*case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen** *[1952] AC 480, 489*.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif wkoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik prosposta mill-kweralant Anthony Spiteri bhala xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe' hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma' viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**artikolu 657 tal-Kap 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif x-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull

xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif traskritta fl-atti u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Kunsiderazzjonijiet ta' fatti.

Illi f'din il-kawza il-Prosekuzzjoni ressqet lil kwerelant Anthony Spiteri li sahansitra fis-Seduta tal-11 ta' Novembru 2012 kien irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu u spjega dak li kien issuceda. Qal li huwa kien mar ikellem lil ex impjegat tieghu certu Amour barra id-dar fejn kien qed jirrisjedi u dan ghaliex kien ircieva xi telefonati minghand l-imputat fejn kien gie mgharraf li kienu rebhu xi kuntratti u l-imputat kien qed jinkih tant li anke hu kien cempillu sabiex jgharrfu. Meta kien hemmhekk mar l-imputat u tah daqqa ta' ponn u inqala argument tant li l-imputat spicca jiggieled ma' l-ufficcjali tal-pulizija u sahansitra anke ferraq lill-istess ufficcjali ghaleix kien aggressiv maghhom. Din il-versjoni hija fil-fatt korroborata mill-istess ufficcjali tal-pulizija u cioe' minn PS 1429 u PC 280 li t-tnejn qalu li kienu human li zammew lill-imputat milli

jkompli jiggieled ma' Spiteri u li fil-fatt gew milquta minn l-imputat tant li marru gewwa il-polyclinic ta' Rahal Gdid sabiex jigu imdewwa. Qalu li l-imputat beda jghajjat u jaqla' il-glied tant li spiccaw ukoll terzi persuni involuti fil-glieda fosthom anke ibnu Sean.

L-imputat min naha tieghu jghid li kien hu li gie aggredit minn Anthony Spiteri waqt li kien barra id-dar ta Amour. Jichad li hu inghata xi ordni mignhand il-pulizija u ma obdihomx jew li f'xi hin hebb ghal pulizija jew li kisser xi arlogg tal-pulzija .

Hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti hija rinfaccjata b'xewg versjonijiet tal-fatti.

<u>Akkuzi odjerni.</u>

Fl-ewwel zewg akkuzi l-imputat huwa akkuzat bir-reati kif disposti fl-**artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu is-segwenti:-

1. *"attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 1429 Eric Mangion u PC 280 Justin Muscat ta'*

*xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, li huma persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti"*;

2. *"ingurja u ghamel offiza ta natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1429 Eric Mangion u PC 280 Justin Muscat persuni inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz."*;

Illi dawn iz-zewg artikoli huma zewg reati ben distinti minn xulxin u li l-elementi ta' kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn telabora u tispjiega d-differenza ta' dawn iz-zewg delitti. Qed ssir biss referenza ghas-Sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Shayer, Police vs John Polidano** deciza fis-sebgha ta' Frar, 1966 u **Il-Pulizija vs Carmelo Zammit deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Novembru, 1959** u ser jigi riprodott dak li qalet fis-Sentenza l-ohra fl-ismijiet **Police vs A.B. Michael Locking** deciza nhar it-tlieta ta' Ottubru 1966 u cioe';

> "*The difference to the two crimes envisaged (vide sections 95 and 96 of the Criminal Code) does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only the character of the duties the injured person is suffering at the time of the offence. Indeed Section 95 states 'while in the act of discharging his duties or because of his having discharged such duties, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty.' While Section 96 requires that 'the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by the competent authority.'*

Illi sabiex tissusisti l-akkuza ta' oltragg kif gie konfermat f'diversi Ssentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Police vs Emanuel Cassar** deciza nhar t-tnax ta' Dicembru, 1936*,* u l-ohra aktar ricenti **Il-Pulizija vs Joseph Fenech** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1999*,* hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita t'Ufficjal Pubbliku u filwaqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu.

Dan r-reat huwa dak ta' oltraggio kif kontemplat fl-artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita' specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku u cioe' kif jghid **Crivellari** fil-ktieb tieghu ***Codice Penali***[1], li

"*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa.*"

L-istess awtur izid jghid li:

"*l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola,*

[1] Vol. 6, pag 213 para 358 (Ediz. 1890)

*sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa.*"

L-element ta' dan r-reat kif jghid **Crivellari**[2] u kkonfermati fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[3] huma s-segwenti:

1. e necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;

2. soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale;

3. l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;

[2] ibid.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) -- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

4. vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;

5. l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;

6. l'elemento intenzionale.

Fis-Sentenza fuq citata, l-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

a. li l-kliem denunzjali bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u

b. li jkunu inghadu *officio durante nel contemplatione officii*, u

c. li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u

d. li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u

e. li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu skond il-gurisprudenza Taljana hija l-istess u cioe' tinghata l-istess tifsira u interpretazzjoni.

Fil-ktieb **Il Codice Penale Italiano Illustrato**[4] ta' **Giovan Battista Impallomeni** taht it-**Titolu III para 393** imsejjah **Dei delitti contro la pubblica amministrazione** jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

*"ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione".*

[4] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale**[5] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

"*non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem "*la sua funzione*" ghaliex jghid li;

*"e un requisito obbiettivo e nesso funzionale e cioe la necessita che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria".*

Ghalhekk jirrisulta li jrid ikun hemm "*il nesso di casualita tra l'offesa e la funzione*".

[5] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[6] kompliet telabora u tghid illi

"*hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe dana l-animu ingurjandi, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kutrarja li intqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna.*"

L-eccezzjoni pero', kompliet tghid l-Qorti tal-Appell fis-Sentenza fuq citata, hi

"*jekk pero' l-kliem ma jkunx per se u mad daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent*

[6] supra Vide footnote no. 3

*bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk l-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".*

In oltre, fil-kaz **Il-Pulizija vs Emanuel Pace**[7], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissussisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "*officio durante ad contemplazione officii*".

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jesiztix.

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Farrugia**[8] l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn ufficjal pubblliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Cassar**[9] il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita' ta' ufficjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz ta' l-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni li l-hati joffendi lil ufficjal li jkun, u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltragg, imma jista' jkun hemm kontravenzjoni ohra.

Illifil-kaz in desamina l-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat tkellem b'mod ingurjuz, billi hedded u insulenta lil Ufficjali tal-Pulizija waqt li dawn kienu jaqdu is-servizz taghhom anke jekk

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96)
[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Dicembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593)

f'mumenti meta kienu qed jipprovaw jikkalmaw l-incident. Huwa minnu li imkien ma jirrizulta li l-imputat kellu xi dubbju li l-Ufficjali tal-Pulizija ma kienux qed jaqdu servizz u li dak li kienu qed jaghmlu kien fil-fatt fil-qadi ta' dmirijiethom. Illi pero' bl-agir ta' l-imputat il-Proskeuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova li l-imputat f'xi hin qal xi kliem ingurjuz jew insulenta lil dawn l-ufficcjali waqt ix-xoghol taghhom u konsegwentement din l-akkuza ma tirrizultax zgur.

L-**artikolu 96** in oltre jirrikjedi li l-attakk jew r-resistenza, ikun bi vjolenza jew b'hebb (vide Sentenza moghtija fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**) fejn gie tenut li :

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza illegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna inkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita li jikkaguna hsara lil persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke*

*jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigix effettivament kkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan r-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista ' il fatto di prendere la difensiva ' lil Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resiztenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Issa rigward din l-akkuza jirrizulta mix-xhieda ta PC 280 li kien qed jahdem bhala driver mas-surgent li l-imputat ma hebbx ghalih ghalkemm hebb ghal PS 1429. Jghid li ra lill-imputat jghati daqqa ta’ ponn lil Alfred Spiteri fuq imniehru (fol. 42). Huwa jghid li kien hemm nies jiggieldu u wegga’ jdejgh u qala’ daqqa fuq in naha tal-lemin . Jghid pero’ li id-daqqiet li qala’ kienu ta’ natura involontarji ghaliex intlaqat u jghid li l-imputat kien talbu skuza minnufih.

PS 1429 Eric Mangion fix-xhieda tieghu fl-ebda hin ma jghid li l-imputat hebb ghalih jew ghall-ufficcjal l-iehor u wkoll ma

jghid dwar l-allegat feriti li sofrew skond l-okkorenza esebita l-Qorti (fol. 39).

Il-fatt kif stqarr PC 280 fix-xhieda tieghu li huwa intlaqat involontarjament waqt il-glieda ma jfissirx li ir-reat kif prospettat taht l-artikolu 96 jirrizulta ghax f'dak l-artikolu l-agir irid ikun wiehed volonarju u ghalhekk din l-akkuza ukoll ma tirrizultax.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:

"Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi ;

Illi rigward l-akkuza li ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, il-Pulizija trid tipprova fl-ewwel lok li hija tkun tat xi ordni li ma gietx segwita u tali ordni kienet tali ghaliex l-imputat kien qed ifixkilhom fil-qadi ta dmirijiethom. Il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Vella** dwar t-tifsira tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9. Il-Qorti rrilevat li:-

> "*t-tfixkil (obstruction) irid ikun sar bl-iskop li b'xi mod jaghmilha aktar difficili biex il-Pulizija taghmel xogholha, jew taht cirkostanzi li fihom dak li jkun ghandu ragjonevolment jobsor li dak li qed jaghmel sejjer jfixkel lil Pulizija fil-qadi ta' dmirijietu....” tkompli tghid li “In other words what would appear to be required is some awareness on the part of the defendant that he was making the task of the Police a more difficult one ...*" (**Smith A&H Offences Against Public Order - Sweet & Maxwell , London - pg. 194.***)*

Illi pero x'kienet l-ordni li l-ufficcjali tal-pulizija taw lill-imputat ma jirrizultax mill-atti**.** Ma jirrizultax li l-imputat agixxa b'xi mod partikolari li volontarjament fixkel lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. Irridu niftakru li t-tifsira ta' tfixkil u cioe':

> "*obstructing ... means making it more difficult for the Police to carry out their duties.*"

Illi ghalhekk din ir-raba' akkuza wkoll ma tirrizultax provata.

Rigward ir-raba' akkuza u cioe' dik li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-konfront ta' Alfred Spiteri jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Mark Bugeja datat 6 ta Novembru 2010 (fol. 11). Il-feriti li sofra Spiteri kienu ta' natura hafifa u ghalhekk rinunzjabbli u peress li fis-Seduta tal-11 ta Novembru 2012 (fol. 79) ta' l-atti Alfred Spiteri irrinunzja ghall-azzjoni kriminali ghal dak li jirrigwarda li huwa rinunzjabbli l-Qorti tiddikjjara procediment ezawit fil-konfront ta' din l-istess raba' akkuza.

L-imputat huwa ukoll akkuzat bir-reat ta' hsara volontarja u cioe' li volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara ma teccedix il-mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u cioe' talli ghamel hsara fuq arlogg tal-idejn tal-marka Fossil ghad-dannu ta' PS 1429.

Illi ma hemmx dubbju li dan ir-reat ukoll huwa wiehed ta' natura volontarja u ghalhekk il-Prosekuzzjoni trid tipprova li kien l-imputat u hadd inqas hlief l-imputat li fil-fatt ikkaguna din il-hsara volontarja. Issa jekk il-Qorti tanalizza ix-xhieda li ta' l-istess ufficjal tal-pulizija PS 1427, dana ma jghid assolutament xejn fir-rigward ta' l-arlogg u minn ezami tal-okkorrenza proprju u cioe' fol. 39 ta' l-atti li hija redatta minn WPC 204 Marika Bugeja li ma xehditx f'dawn il-proceduri jirrizulta li PS 1429 tilef l-arlogg li kien libes tal-ghamla Fossil li jiswa madwar mitt euro u ghalhekk fid-dawl ta' din l-istqarrija u fid-dawl ta' dak li xehed l-imputat din l-akkuza ukoll ma tirrizultax.

Jibqa' ghalhekk l-ahhar akkuza u cioe' dik kontravenzjonali u cioe' li kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied u qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku. Jidher li f'din il-kontravenzjoni ukoll l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ghemil volontarju tal-imputat.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-passat kellha okkazjoni tfisser f'diversi Sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Spiteri'</u>** App. Krim. Deciza fl-24 ta Mejju 1996 ), bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu **(dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9** meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Issa ma hemmx dubbju li l-imputat kien involut fi glieda ma' Alfred Spiteri u kkawza ksur ta' paci pubblika tant li sahansitra anke ingabru

diversi nies ohra u ghalhekk tali kontavenzjoni tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli **95, 96, 221, 325(c), 328 (dd), 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma issibx lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu salv u b'eccezzjoni ghall-ahhar akkuza u cioe' il-kontavenzjoni kif disposta fl-artikolu 338 (dd) ghal liema akkuza issibu hati u tikkundannah ammenda ta' hamsin euro (euro 50)**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi l-provediment ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 fil-konfront ta' PS 1429 Eric Mangion u PC 280 Justin Muscat din il-Qorti sejra tastjeni minnha stante li sabet lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi li nghataw fil-konfront taghhom .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------